# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 18 ta' Gunju, 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**
**vs**
**Carl Bonnici**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi  Carl Bonnici detentur tal-karta tal-identita' 479478M.

Akkuzat talli nhar l-01 ta' Dicembru, 2017 bejn id-disgha u d-disgha u nofs ta' filghodu (09am-09:30am) gewwa Delimara Limiti ta' Marsaxlokk;

1. Volontarjament ta n-nar lil dar, dar ta' abitazzjoni jew bini iehor, gharix jew xi lok iehor meta filwaqt ma' kien hemm ebda persuna hemm gewwa, u dan il-bini, gharix jew lok iehor, kien qieghed b'mod li ma' setghax iqabbad hruq f'bini, gharix  jew lok iehor;
2. U aktar talli ikkometta serq ta' inverter u/jew oggetti ohra liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma' jiskorrix l-ammont ta' €2, 329.37 u bil-lok ghad-detriment ta' Anthony Desira u/jew ta' persuna jew persuni ohra;
3. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghal ammont li jiskorri elfejn u hames mitt Euro

(€2, 500) ghad-dannu ta' Anthony Desira u/jew ta' persuna jew persuni ohra;

4. U aktar talli bi hsara tas-sid jew tad-detentur, ghamel vjolazzjoni kontra l-propjeta ta' Anthony Desira;
5. Akkuzat ukoll talli b'hekk ikkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza ta' sentejn prigunerija sospiza ghal erba' snin moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif preseduta mill-Magistrat Dr Audrey Demicoli LL.D nhar il-15 ta' Frar, 2013 u estiza ghall-perjodu ulterjuri ta' erba' snin nhar l-14 ta' Jannar, 2014 mill-Magistrat Dr Saviour Demicoli.

Il-Qorti, giet mitluba tittratta ma' Carl Bonnici bhala recidiv ta' sentenzi li saru definittivi u ma' jistghux jinbiddlu u dan ai termini ta' l-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat il-*pre sentencing report* redatt mill-uffijcal tal-probation nominat ghal dan il-ghan.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisafacjentment pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri. Hadet in konsiderazzjoni ukoll r-

rakkomandazzjonijiet ta'l-ufficjal tal-probation inkluzi fir-rapport tieghu, kif ukoll il-fatt li l-imputat gia ikkumpensa lill-parte leza ghall-hsara ikkawzata minnu.

Illi in oltre fir-rigward tal-hames imputazzjoni l-Qorti thoss li ghandha taghmel is-segwenti osservazzjonijiet. Permezz ta' sentenza mghotija fil-15 ta' Frar 2013 l-imputat kien gie ikkundannat sentejn prigunerija sospiezi ghal erbgha snin. Permezz ta' sentenza mghotija f'l-14 ta' Jannar 2014 l-imputat instab hati li kkommetta reat fil-perjodu operativ tas-sentenza tat-13 ta' Frar 2013; dan minkejja li r-reati minnu kommessi u li wasslu ghal din it-tieni sentenza gew kommessi fit-8 ta' Jannar 2013 u ghalhekk qabel ma nghatat is-sentenza sospieza. Aktar minn hekk wara dan is-sejbin ta' htija (fis-sentenza ta'l-14 ta' Jannar 2014) il-Qorti ordnat li l-perjodu operativ tas-sentenza sospieza tal-15 ta' Frar 2013 (erbgha snin) jerga jibda jidekkorri. Ir-reati odjerni sehhew f'l-1 ta' Dicembru 2017 u ghalhekk wara l-erbgha snin originali indikati fis-sentenza tat-13 ta' Frar 2013. Din il-Qorti hija konsapevoli li mhiex Qorti ta' revizjoni u li s-sentenza ta'l-14 ta' Jannar 2014 hija finali u ezekuttiva. Pero u peress li f'l-14 ta' Jannar 2014 l-imputat ma setax jinstab hati ta' ksur ta' sentenza sospieza u ghalhekk ma kienx hemm lok ghall-estensjoni tal-perjodu operattiv tas-sentenza tal-15 ta' Frar 2013 li altrimenti kien jiskadi f'l-14 ta' Frar 2017 u ghalhekk qabel ma gew kommessi ir-reati odjerni, hija tal-fehma li m'ghandha tiehu l-ebda provvediment fil-konfront ta' l-imputat fir-rigward tal-hames imputazzjoni[1].

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 28A u 28B, 49, 50, 261(b)(c)(e), 263, 267, 269(g), 318, 325(1)(a) u 340(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikoli 7 u 11 tal-Kapitolu 446 tpoggih taht Ordni ta' Probation u Servizz ghal perjodu ta' sentejn bil-kundizzjonijiet elenkati l-ordni mghoti kontestwalment inkluz dik li jaghmel mija u hamsin siegha xoghol fil-kommunita. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikoli 382A u 412C tal-Kapitolu 9, sa biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Anthony Desira u ghaz-zamma ta'l-ordni pubblika, qed tpoggi lill-imputat taht ordni ta' trazzin ghal perjodu ta' tlett snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss.

[1] Ghalkemm teknikament l-imputazzjoni tissussisti.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**